## QORTI CIVILI, PRIM' AWLA

| | |
|---|---|
| Gudikant | **ONOR. IMHALLEF IAN SPITERI BAILEY** |
| Seduta Numru | |
| Mandat Numru | **254/2024/1** |
| Numru fil-Lista | **4** |

**ATTARD STEPHEN**
**vs**
**SPITERI YANA PRO ET NOE**

---

**Illum It-Tnejn, 4 ta' Marzu 2024**

Meta ssejjah ir-rikors deher l-Av. Frank-Anthony Debono ghar-rikorrent.

Dehru l-Av. Corinne Pace ghall-ewwel intimati ndikati fl-okkju, prezenti Yana Spiteri.

Deher Adrian Bonello, Direttur fi Hdan id-Direttorat tas-Sahha Ambjentali, u Adrian Cocker in rapprezentanza tas-Segretarju Permanenti fi Hdan il-Ministeru ghas-Sahha, assistiti mill-Av. Yana Bonello.

L-intimati jiddikjaraw, ghall-finijiet tal-Art. 873(3), illi li kieku ma kienx ghal dan il-mandat, il-proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kienu jitkomplew.

Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors.

Inghata digriet -

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-14 ta' Frar 2024;

Rat ir-risposti tal-intimati kollha;

Rat l-atti;

Semghet l-abbli difensuri tal-partijiet;

Qieset illi dan huwa t-tielet attentat ta' mandat ta' inibizzjoni mressaq fir-rigward tal-istess procedura ta' dixxiplina, liema tliet mandati huma kollha msejsa fuq pretensjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq, u l-Qorti tirreferi ghad-digrieti tal-mandati precedenti, u ghal numru ta' digrieti ohrajn illi jghidu car illi m'ghandux ikun hemm multiplikazzjoni ta' mandati dwar l-istess mertu bhal donnu jkun qed isir forum shopping;

Izzid tghid illi dan qed jinghad ukoll peress illi l-Qorti ma tqisx gust illi ma' kull intopp illi persuna jista' jiltaqa' maghha jew aghar minn hekk ma' kull decizjoni anke provizorja illi Bord ta' Dixxiplina jista' jiehu u li maghha ma jkunx jaqbel, allura jfisser illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali u konsegwentament ikun ifisser illi wiehed jista' jressaq il-pretensjonijiet tieghu u t-talbiet tieghu fil-forma ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan qed jinghad peress illi jirrizulta illi l-Bord ta' Dixxiplina effettivament ghadu ma hax decizjoni dwar jekk l-akkuzi mahrugin fil-konfront tar-rikorrent, monki kif allegat mid-dati li jirreferu ghalihom l-akkuzi, ghandhomx mis-sewwa jew le;

Tqis ulterjorment illi r-rikorrent ma rnexxielux jipprova d-dritt prima facie tieghu u konsegwentement tichad it-talba, bl-ispejjez kontra tieghu.

Amanda Cassar
Deputat Registratur